MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta ta' l-14 ta' Mejju, 2012

Avviz Numru. 106/2011

**Terry Preca**

**Vs**

**Professur Hector Galea**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors in esami li bih l-attrici talbet sabiex il-konvenut jghid il-ghaliex ma ghandux jkun ikkundannat li jhallas dik is-somma likwidata minn din il-Qorti in liena ta’ danni sofferti mill-attrici stante negligenza non curanza da parti tal-konvenut meta naqas li jesegwixxi reparazzjonijiet necessarji meta hekk intimat fil-fond adjacenti tieghu gewwa Barbara Bastions Valletta kif se jigi ppruvat waqt is-smiegh u ttrattazzjoni ta’ din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghax. Il-konvenut gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut (fol 8 ibid) u li biha espona bir-rispett:-

1. Illi in linea preliminari, il-gudizzju m'huwiex integru stante li tezisti l-kommunjoni ta' l-akkwisti bejn l-intimat il-Professur Hector Galea u martu Josephine Galea.
2. Illi preliminarjament ukoll, jigi eccepita n-nullita tar-rikors ipprezentat minn Terry Preca u dan billi ma jispjegax b'mod car u inekwivoku t-talba ta' l-attrici tant illi l-oggett tal-kawza u n-natura tad-dannu reklamat m'humiex identifikabbli mit-test tar-rikors odjern biex b'hekk l-intimat tpoggja fi zvantagg evidenti sabiex iressaq l-eccezzjonijiet tieghu u qed jirrizerva li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz;
3. Illi preliminarjament ukoll, tigi eccepita l-inkompetenza ta' dina l-Onorabbli Qorti *ratione valoris* biex tisma u tiddeciedi din il-kawza ai termini ta' l-artikolu 747(1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, stante illi l-valur tat-talbiet attrici huwa wiehed incert u indeterminat;
4. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi l-esponent ma arreka l-ebda tip ta' dannu kwalunkwe lill-attrici u ghalhekk m'ghandux jigi kkundanant ihallas l-ebda ammont favur taghha;
5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri kif premess mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza specjalment dak verbalizzat a fol 10, fol 11 u fol 14 tal-istess atti.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi, in rigward l-ewwel (1) eccezzjoni issir referenza ghall-estratt mill-att ta' zwieg tal-konvenut a fol 13 tal-atti kif ukoll ghat-talba li saret mill-attrici (fol 14 ibid) sabiex tigi kjamata fil-kawza mart l-istess konvenut Josephine Galea nee Pavia. Dwar din it-talba, stante li jekk milqugha ma jkunx arrekat xi pregudizzju ghas-sustanza tad-difisa tal-istess konvenut, l-istess talba tista' tigi akkolta anke fuq bazi tal-ekonomija tal-gudizzju.

Illi in rigward it-tieni (2) eccezzjoni gie analizzat ir-rikors promotur in tenut kont li trattasi ta’ proceduri sommarji u li mill-istess rikors hemm indikat, sostanzjalment u fil-qasir u b’mod car, il-kawzali ta’ din l-azzjoni u l-bazi ta’ din ma jidhirx illi hemm xi nullita tal-istess rikors jew li ‘…. l-initmat tpogga fi zvantagg evidenti’.

Illi, dwar it-tielet (3) eccezzjoni, l-istess attur iddikjara li l-ammont ta’ danni li jista’, potenzjalment, jigi likwidat, ma jeccedix il-massimu tal-kompetenza ‘rationae valoris’ ta’ din il-Qorti.

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti tichad l-eccezzjonijiet in esami waqt li, in rigward l-ewwel (1) wahda, Tordna l-kjamata fil-kawza ta’ mart il-konvenut Josephine Galea nee Pavia. Tordna ukoll li kopja tar-rikors promotur tigi notifikata lill-istess kjamata fil-kawza li ghandha ghoxrin (20) jum mid-data tan-notifika sabiex tirrispondi ghall-istess rikors.

Bl-ispejjes riservati.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------